MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Avviz Numru. 614/2002

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**L & D Attard Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-Awtorita attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkunannata li thallas lill-istess Awtorita’ s-somma ta’ elfejn u tmien mija u sitt liri Maltin u tmenin centezmu (Lm2,806.80) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002.

Billi fit-22 ta’ Mejju 1998 l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq numru ECF/596/98/ENMU/NENF, kopja annessa u markata bhala Dok IJS1 annessa mal-avviz. Peress illi l-istess

Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholjiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, jitwettqu, stante li s-socjeta' konvenuta ma kienetx ottemperat ruhha ma dak li ntalab minnha fl-istess Avviz. Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal elfejn u tmien mija u sitt liri Maltin u tmenin centezmu (Lm2,806.80), u dan kif jidher mill-Invoice no. 1472 annessa mal-avviz datata 27 ta' Lulju 2000 markata bhala Dok IJS2. U billi l-istess socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 u fol 3 tal-atti u markati Dok IJS1 u Dok IJS2.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Kodici Civili;
2. Illi fit-tieni lok l-Awtorita' attrici ma hadietx il-passi kollha rikjesti ai termini ta' l-Att Numru 1 ta' l-1992 kif sussegwentement emendat, sabiex tinforma lis-socjeta konvenuta dwar it-twettieq tax-xoghlijiet involuti u allura l-ammont mitlub mhux dovut mis-socjeta konvenuta;
3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost lanqas ma huwa minnu li l-ammont kif mnizzel fl-avviz odjern huwa korrett u huwa dovut mill-istess socjeta konvenuta u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;
4. Illi fir-raba lok is-socjeta konvenuta ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ammont jekk jirrizulta li huwa dovut peress li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-istrutturi li gew mwaqqa;
5. B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 15 dwar l-ewwel eccezzjoni kif ukoll in-nota tas-socjeta konvenuta a fol 17 ibid u li biha

specifikat illi l-istess eccezzjoni hi bazata fuq l-<u>artikoli 2148 u 2149</u> tal-Kodici Civili.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 86 ibid waqt is-seduta tal-25 ta’ Mejju 2005.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-eccezzjoni preliminari kif proposta, gew konsiderati s-segwenti:-

a) L-artikoli citati jirreferu ghall-azzjonijiet hemm elenkati u li huma rispettivament preskritti bit-trapass ta’ tmintax-il xahar u sentejn. Hawnhekk il-Qorti rat il-kazijiet kollha hemm elenkati u ma sabet l-ebda azzjoni li, b’xi mod, tista’ tkun applikabbli ghal dik in esami. Difatti l-unika azzjoni li tista’ b’xi mod tkun appplikabbli ghal din l-azzjoni hi dik specifikata fl-artikolu 2149(e) ossija azzjonijiet tal-Gvern ta’ Malta ghall-hlas ta’ drittijiet gudizzjarji, dazji u taxxi ohra. Din l-azzjoni kif ser jirrisulta “infra”u mid-dokument esebit a fol 3 ibid tirreferi ghal spejjes inkorsi mill-Awtorita’ attrici in konnessjoni ma’ twaqqiegh u demolizzjoni ta’ bini mibni illegalment u ghalhekk jidher car li, anke, dan l-artikolu ma hux applikabbli ghal dan il-kaz.
b) Ghandu jigi rilevat illi kien jkun opportun daparti tas-socjeta’ konvenuta, illi tindika b’mod <u>aktar precis u specifiku</u> liema artikolu u subartikolu kien applikabbli ghal dan il-kaz. Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni preliminari kif proposta qed tigi respinta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-<u>meritu</u>, kif di gja inghad, l-Awtorita’ attrici qed titlob il-hlas ta’ <u>spejjes</u> inkorsi minnha fid-demolizzjoni ta’ bini illegali appartenenti lis-socjeta konvenuta (ara l-imsemmi <u>Dok IJS2</u>), liema bini kien jikkonsisti fi struttura minghajr permess tal-Awtorita’ tal-Ippjanar. Dwar dan, <u>Joseph Agius</u> (fol 23 u fol 41 et seq ibid) spjega li hu “enforcement officer” mal-Awtorita attrici u illi f’dan il-kaz

kienu inhargu erba' 'enforcement notices' rispettivament enumerati 596/98, 569/98, 690/98 u 710/98 li kienu gew notifikati lis-socjeta konvenuta. Inoltre wahda minn dawn in-'notices' kienet twahhlet mal-iskrittura in esami konsistenti f'"garage" wiehed u dan fil-25 ta' Mejju 1998. Sussegwentement wara li gie accertat li ma kienet saret l-ebda applikazzjoi sab il-posizzjoni tal-garage in kwistjoni tigi sanata u li l-istess post kien vojt, dan kien twaqqa' mill-14 ta' Marzu sas-16 ta' Marzu tas-sena' 2000. Sussegwentement, kien inhareg l-"invoice" gja msemmi u li jinsab esebit a fol 3 ibid. Dwar dan jidher ukoll illi s-socjeta konvenuta kienet giet interpelata permezz ta' ittra ufficjali sabiex thallas l-ispejjes ta' demolizzjoni (ara fol 28 u fol 29 ibid) liema ittra ufficjali kienet saret a basi tal-artikolu 55A tal-att numru wiehed (1) citat fl-avviz (ara ukoll id-dokumenti kollha esebiti minn dan ix-xhud u li jinsabu a fol 43 sa' fol 85 ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta ipproduciet zewg xhieda cjoe Lawrence Attard (fol 21 et seq ibid) u Disma Attard (fol 32 et seq ibid). L-ewwel xhud xehed li l-ewwel darba li kien sar jaf b'dan il-kaz kien meta ra, fuq it-televisjoni post tas-socjeta konvenuta li kien qed jitwaqqa u sussegwentement mill-gazzetti. It-tieni xhud, waqt li esebixxa l-imsemmija gazzetti esebixxa ukoll kopji ta' zewg ittri datati l-20 ta' Marzu 2000 u ndirizzati lil Lorry Attard.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi prodotti b'mod specjali d-dokumenti esebiti a fol 45, fol 46, fol 48, fol 51, fol 52 sa fol 55, fol 56, fol 57, fol 67 u fol 68, jidher li dak li qed tikkontedi s-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma jirrifletti dak li xehdu Lawrence u Disma Attad, it-tnejn diretturi tas-socjeta konvenuta u ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif tista temmen lil dawn ix-xhieda.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak kollu premess jidher li s-socjeta konvenuta kienet informata dwar it-twettiq tax-xogholijiet involuti, u li s-socjeta konvenuta kellha, filfatt x’taqsam mal-istruttura illegali in kwistjoni.

Illi s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova sabiex tghid l-ghaliex l-ammont mitlub ma hux korrett.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ Lm2,806.80 bl-imghax legali mit-28 ta’ Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------